# IL-GĦANJA TA' ĊIKKULATA U ĊIKKULATU

*Ta'* DUN KARM

Ċikkulata u Ċikkulatu
Huma żewġt itfal ħelwin;
In-nies kollha tgħallmet tħobbhom,
Għalavolja ftit smajrin.

Ommhom, mara tbigħ il-għaqal,
Taħseb fihom lejl u nhar,
U biex tiġbed l-għajnejn fuqhom
Tlibbishomlok mill-aħjar.

Daqqa deh'b u daqqa fidda,
Skond ma tara kif imur,
Għax hi taf li n-nies tad-dinja
Għat-tlellix toħla w-iddur.

U taf x'tagħżel mill-qawsalla,
Taf xi tħallat mill-ilwien,
Sabiex Ċikkulata w Ċikku-
latu jidħlu kullimkien.

Jekk xi ġuvni u xebba jtejġu
U fid-dar hemm ferħ u sliem,
Ċikkulatu u Ċikkulata
Hemm jintasbu minn quddiem.

Għadda ż-żmien u twieled "baby"
Helu sbejjaħ donnu fjur?!
Ċikkulata u Ċikkulatu
Mal-mistiedna ssibhom żgur.

Ċikkulata u Ċikkulatu
Jekk xi wieħed sar qassis,
Jekk xi tfajjel għalaq sninu,
Jekk il-Festa tal-Qaddis:

U kulħadd jitbewwes magħhom,
U xi gidma jieħdu wkoll,
Għaliex fommhom ħelu għasel,
U bewsithom kull qalb tħoll.

Ma naħsebx li hawn tfal oħra
Maħbubin bħal dawn it-tnejn:
Ċikkulata u Ċikkulatu
Kullimkien fuq wiċċ l-idejn.

NOTA. — Din il-Għanja hi Ċajta moħtara lil "Ġorġ Tayar", fi żmien il-Blitzes, meta konna niltaqgħu fix-xelter, Ħaż-Żebbuġ, 1943.